MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 2/2007/1

**Gaetano Attard (ID 425657M).**

**vs**

**Theresa Magro (ID 451033M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta’ Gaetano Attard li jghid:

Illi huwa l-proprjetarju tal-fond 167, Qormi Road, Marsa li huwa jikri lill-intimata bil-kera ta’ Lm13 fis-sena pagabbli kull 1 ta’ Settembru ta’ kull sena.

Illi huwa recentement sar jaf li l-intimata ma ghadhiex toqghod fil-fond in kwistjoni bhala residenza taghha imma marret toqghod ma’ bintha Mary Mangion fil-fond nurmu 128 Qormi Road Marsa u hija registrata bhala votanta fil-fond hawn l-ahhar imsemmi.

Illi barra minn  hekk minn ricerka li r-rikorrenti ghamel fir-registru elettorali jirrizulta wkoll illi bejn Ottubru 2003 u April 2006 kienet registrata bhala votanta fil-fond li suppost kien mikri lill-intimata certu Mary Camilleri.

Illi huma recentement saru jafu wkoll illi wara li halliet dan il-post Mary Camilleri l-imsemmija intimata cediet u/jew issullokat u/jew assenjat il-fond mikri lil certu Mary Micallef li toqghod fil-fond sovrastanti ossia f'169 Qormi Road Marsa ghall-uzu taghha u/jew tal-familja taghha.

Illi din ic-cessjoni u/jew sollukazzjoni u/jew assemjazzjoni sia lil Mary Camilleri u/jew lil Mary Micallef u/jew familjari taghha hija vjetata mil-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord jordna r-ripreza tal-fond 167 Qormi Road Marsa minn idejn l-intimata taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord joghgbu xieraq u opportun u bl-ispejejs kontra l-intimata.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata Theresa Magro li tghid:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-pretenzjonijiet kollha avvanzati fir-rikors promutur huma ghal kollox privi minn kull fondament fattwali u guridiku u dan kif ser jirrizulta fil-perkors tal-kawza.

Salv risposti ulterjuri.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti effettivament ipprova dak kollu minnu allegat fir-rikors promutur u minkejja l-opposizzjoni vantata mill-intimata, din ma ressqet ebda prova kontrarja. Dan il-kaz jista' jkun deciz purament fuq il-fatti kif pruvati mir-rikorrenti u dan il-Bord m'ghandux ghaliex jiddelibera fit-tul dwar l-istess.

Illi r-rikorrenti ppruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Bord u kif jidher anke mill-provi dokumentarji konsistenti f'estratti mir-registri elettorali, illi fil-fond originarjament mikri lill-intimata kienet tirrisjedi certu Mary Camilleri li ufficjalment kienet talbet bdil fir-registru elettorali biex turi li kienet tirrisjedi fil-fond de quo. Fl-istess waqt, l-intimata ma baqghetx tidher registrata fil-fond mertu tar-rikors izda ghazlet li tibdel l-indirizz taghha biex b'hekk giet tidher li qed tirrisjedi gewwa fond iehor.

Jirrizulta ukoll illi wara li Mary Camilleri ma baqghetx tirrisjedi fil-fond de quo, xi estraneji kienu innotati li qed jirrangaw dan il-fond u li meta r-rikorrent staqsiehom x'kienu qed jghamlu hemm iddijaraw li kienu qed jirrangaw il-fond ghan-nanna taghhom kif ukoll li setghu joqghodu fil-fond fl-assenza kemm iddum assenti l-intimata. Dan kien konfermat mir-rikorrent bil-gurament tieghu u qatt ma kien kontrarjat mill-intimati minkejja li kellhom l-oppportunita' li jaghmlu dan.

Illi ghalhekk il-Bord huwa sodisfatt li jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex tintlaqgha t-talba tar-rikorrenti u b'hekk qieghed jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-fond 167 Qormi Road, Marsa fi zmien tletin (30) jum, f'liema zmien l-intimata ghandha thalli l-fond vakanti ghal-libera ripreza tieghu mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------